VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,043, 5 ta' Marzu, 2013
Taqsima B

A.L. 97 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u bl-artikolu 28 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura u l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu. L.S. 504.115

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaga waħda mar-Regolamenti dwar Skema Kummercjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 11 tar-regolamanti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha, sat-28 ta' Frar ta' kull sena tal-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti kif imsemmi fir-regolament 4(1), toħroġ lil kull operatur ta' inġenji tal-ajru l-għadd ta' permessi taħt il-Kapitolu II allokati lil dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru għal dik is-sena kif stabbilit skont ir-regolament 4(6)(b) jew ir-regolament 5(5)(b). Il-ħruġ ta' permessi għandu jsir kif hemm fid-deċiżjonijiet rilevanti u fir-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE.";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Permessi taħt il-Kapitolu II allokati skont ir-regolament 4 u li jkunu nħarġu f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, għandhom ikunu validi għal emissjonijiet matul dak il-perjodu. Permessi taħt il-Kapitolu II li jkunu nħarġu skont is-subregolament (1) f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti għandhom ikunu validi għal emissjonijiet matul il-perjodu li jkunu nħargu għalih."; u

(ċ) is-subregolament (6) tiegħa għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Meta jkunu nħarġu permessi taħt il-Kapitolu II lil operatur ta' inġenji tal-ajru f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Diċembru, 2012, jew għal xi sena skont is-subregolament (1), u, skont id-deċiżjonijiet rilevanti u r-regolamenti adottati mill-Kummissjoni skont l-artikolu 25(a) tad-Direttiva 2003/87/KE jew skont deċiżjoni meħuda mill-Awtorità b'konsegwenza ta' dawn id-deċiżjonijiet u regolamenti, l-għadd ta' permessi taħt il-Kapitolu II allokati lil dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru għal dik is-sena, kif stabbilit skont ir-regolament 4(6)(b) jew ir-regolament 5(5)(b) jiġi mnaqqas, l-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jrodd lura għadd ta' permessi ekwivalenti għall-ammont li bih l-allokazzjoni tkun ġiet imnaqqsa.".